# RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tat-3 ta' April 2014

## li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 (COM(2013) 570 — C7-0279/2013) ([2])

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([4]) dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2012 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 165 u 166 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0226/2014),

1. Jinnota b'sodisfazzjon li, fir-rapport annwali tagħha għall-2012, il-Qorti tal-Awdituri osservat li ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija sinifikanti fir-rigward tat-temi awditjati relatati mar-riżorsi umani u l-proċeduri ta' akkwist għall-Kumitat tar-Reġjuni ("il-Kumitat");

2. Jilqa' l-fatt li, abbażi tal-ħidma ta' awditjar tagħha, il-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li l-pagamenti kollha kemm huma għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 għan-nefqa amministrattiva u ta' tip ieħor tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kienu ħielsa minn żbalji materjali;

3. Jinnota li fl-2012, il-Kumitat kellu baġit approvat ta' EUR 86 503 000 (EUR 84 059 000 fl-2011), li EUR 85 000 000 minnhom kienu approprjazzjonijiet ta' impenn, b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 98,2 %; jenfasizza li l-baġit tal-Kumitat huwa wieħed purament amministrattiv;

4. Jinnota b'sodisfazzjon li r-rata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 98,2 % tirrappreżenta żieda fuq ir-rata tal-2011 ta' 97,5 %; jistenna titjib ulterjuri fir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit fil-perjodi sussegwenti;

([1]) ĠU L 56, 29.2.2012.
([2]) ĠU C 334, 15.11.2013, p. 1.
([3]) ĠU C 331, 14.11.2013, p. 1.
([4]) ĠU C 334, 15.11.2013, p. 122.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([6]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

5. Jilqa' t-twaqqif ta' Grupp ta' Tmexxija dwar is-Sussidjarjetà biex tissaħħaħ il-governanza politika tal-Kumitat u biex jiġi implimentat ir-rwol imsaħħaħ il-ġdid tal-Kumitat, kif deskritt fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jilqa' l-proġetti dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kumitat, li jfasslu l-objettivi ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi u l-iżvilupp ta' sinerġiji f'attivitajiet komuni u azzjonijiet konġunti; jilqa', fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tas-sena li għaddiet, l-informazzjoni pprovduta u jitlob li jkun aġġornat kontinwament dwar il-proġetti u li jkun infurmat dwar il-konsegwenzi baġitarji tal-miżuri meħuda;

7. Jieħu nota tal-informazzjoni pprovduta dwar l-enerġija użata minn sorsi rinnovabbli; jinnota b'sodisfazzjon li l-elettriku kollu użat mill-Kumitat ġej minn sorsi rinnovabbli;

8. Jinnota b'sodisfazzjon li r-rakkomandazzjonijiet u r-rekwiżiti li saru mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jiġu rreġistrati mis-servizz tal-baġit tal-Kumitat f'bażi ta' data ċentrali u li l-progress tal-implimentazzjoni qed jiġi mmonitorjat b'mod regolari;

9. Jitlob lill-Kumitat ikompli jwettaq monitoraġġ tal-istruttura tal-persunal sabiex jiżgura li l-organizzazzjoni tal-karigi tkun għalkollox effiċjenti u tikkontribwixxi għal infiq aħjar tal-baġit allokat;

10. Iqis li l-immaniġjar tar-riżorsi umani (HR) għandu jkollu assistenza effiċjenti fir-rigward tal-IT; jitlob li jkun infurmat dwar kwalunkwe dewmien fir-rigward tal-applikazzjoni ta' sistemi ġodda għall-HR;

11. Jitlob kjarifiki dwar il-programm tal-awditjar tal-Kumitat għall-2012, b'mod partikulari dwar attivitajiet riskjużi u l-pjan ta' azzjoni korrispondenti biex jiġu evitati;

12. Jinnota b'sodisfazzjon it-tnaqqis fit-traduzzjoni esterna minn 5,8 % fl-2011 għal 4,5 % fl-2012; jemmen li dawn iċ-ċifri huma evidenza li għadu possibbli titjib fl-effiċjenza;

13. Jitlob lill-Kumitat jinkludi l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' interpretazzjoni mhux użati fir-rapport annwali tal-attività;

14. Jitlob lill-Kumitat jikkoopera ma' istituzzjonijiet oħra sabiex joħorġu b'metodoloġija unifikata għall-preżentazzjoni tal-ispejjeż tat-traduzzjoni bl-għan li jiġu ssimplifikati l-analiżi u t-tqabbil tal-ispejjeż;

15. Jemmen bil-qawwa li għandu jsir xi titjib għar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi umani fis-Servizzi Konġunti u fit-traduzzjoni; iqis il-kuntatti li għaddejjin bejn il-Kumitat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ("KESE") u l-Parlament f'din il-kwistjoni bħala kontribut pożittiv għar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi;

16. Jinnota li reviżjoni ta' nofs it-term tal-kooperazzjoni bejn dawn l-istituzzjonijiet tkun għodda utli għall-valutazzjoni tal-benefiċċji tal-kooperazzjoni u biex ikun hemm ippjanar ulterjuri għal soluzzjonijiet imtejba u mfassla apposta fil-futur;

17. Jifraħ lill-Kumitat għall-kwalità konsistenti tar-rapport annwali tal-attività tiegħu u talli jipprovdi rapport annwali tal-impatt komprensiv, li huwa għodda importanti biex tiġi vvalutata l-ħidma tiegħu; jinnota b'sodisfazzjon li r-rapport annwali tal-attività jipprovdi tabella eżawrjenti tar-riżorsi umani kollha disponibbli għall-Kumitat;

18. Jemmen li l-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kumitat u l-KESE huwa mekkaniżmu effiċjenti; jirrakkomanda lill-Kumitat biex iżomm dan il-mekkaniżmu f'format aġġornat;

19. Jitlob informazzjoni dwar l-ammont preċiż ta' ffrankar baġitarju li jirriżulta mill-ftehim aġġornat ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-KESE u dwar l-oqsma preċiżi li se jiġu affettwati mill-ftehim il-ġdid;

20. Jantiċipa li l-ftehim aġġornat ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-KESE se jwassal ukoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' servizzi komuni;

21. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri biex, fir-rapport annwali tagħha li jmiss, tinkludi rieżami tas-segwitu min-naħa tal-Kumitat għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament f'din ir-riżoluzzjoni;